# Il-Ġawhra

GEORGE ZAMMIT

Mal-għabex
Tal-għodwa
Perriċtni
Mulejja
Fuq fergħa
Ta' mħabbtek
U rajtek
Fi ġmielek.

U bħal qatra li taqa' minn fuq fergħa
Fejn ħadet l-ilwien kollha tal-qawsalla
Tfarfart u ġejt fit-tajn
Magħġun bid-dmugħ u d-dmija:
U l-ġawhra tal-qima
Imsawra fis-smewwiet
Intrifset u tgħattiet
Taħt riġel il-bhima.

Għad terġa'
Tittella'
Mixruba
Mill-ħerqa
Ta' xemxek
Mulejja
Il-ġawhra
Mogħnija
B'ilwien
Il-qawsalla?

Għad terġa'
Titperreċ
Fuq fergħa
Ta' mħabbtek
Imbiegħda
Miż-żmien
Mal-għabex
Tal-lejla
Li ddewweb
U xxejjen
Id-dmija
U d-dmugħ
Tal-ħolqien?

29.xii.73.

# L-Għasfur Iswed

ALFRED MASSA

Għasfur sbejjaħ jiġri w jgħanni
m'għandux sabar, m'għandux kwiet,
qisu mferfex, ma nafx l-għala.
donnu le jrid jaf bi skiet.
Tgħid għax jaf li hu sabiħ,
jew sirt jien wisq moħħni fih?

Bla ma rrid għajnejja fuqu
jiġri malli jtir fil-ġnien
ukoll meta 'l sħabu jġibli,
xorta nilmħu kullimkien.
Iiena w hu tant sirna ħbieb
li niltaqgħu sa bil-ħsieb.

Malli leħnu nisma' jsieħli
lejn it-tieqa niġri ntir;
narah qisu jitkessaħli
u dlonk tifel qisni nsir.
Tant inħobbu lil xulxin
qisna xi żewġ maħbubin.

L-għanja tiegħu balzmu ttini
ġewwa qalbi 'l hawn f'dil-belt
ma tistax issib il-hena
għax sikwit jinbet xi għelt.
Qisu f'Londra, belt ta' ġmiel
ma jinstabx tal-paċi ħjiel.

L-għasfur tiegħi donnu miegħi
qiegħed jaqsam l-istess wied
mimli xewk w għollieq, bla fjuri;
u fix-xefaq m'hemmx ħlief swied.
Xi trid tagħmel. hekk irid
Dak ta' fuqna — Hu s-Sid!

Għasfur sbejjaħ tibżax minni,
ersaq lejja, midd riġlejk;
idi lesta sabiex tilqgħek.
L-għaxqa tiegħi li nkun ħdejk.
Issa l'aħna daqshekk qrib
ma tismax minn qalbi l-krib.